DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-26 ta' April 2010

li taġġusta l-allowances previsti fid-Deċiżjoni 2003/479/KE u d-Deċiżjoni 2007/829/KE dwar ir-regoli applikabbli għal esperti nazzjonali u persunal militari ssekondati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

(2010/248/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 41(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 240(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 15(7) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/479/KE [1] u l-Artikolu 15(6) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/829/KE [2] jipprevedu li l-allowances ta' kuljum u ta' kull xahar għandhom jiġu aġġustati kull sena, mingħajr effett retroattiv fuq il-bażi tal-adattament tas-salarji bażiċi ta' uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fi Brussell u l-Lussemburgu.

(2) Fit-23 ta' Diċembru 2009 il-Kunsill adotta r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1296/2009 li jaġġusta b'effett mill-1 ta' Lulju 2009 r-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi applikati għalihom [3], li japplika aġġustament ta' 1,85 %,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Fl-Artikolu 15(1) tad-Deċiżjoni 2003/479/KE u l-Artikolu 15(1) tad-Deċiżjoni 2007/829/KE, l-ammonti EUR 30,75 u EUR 122,97 għandhom jinbidlu b'EUR 31,32 u EUR 125,25 rispettivament.

2. Fl-Artikolu 15(2) tad-Deċiżjoni 2003/479/KE u l-Artikolu 15(2) tad-Deċiżjoni 2007/829/KE t-tabella għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Distanza bejn il-post ta' oriġini u l-post tas-sekondament (f'km)	Ammont f'EUR
0-150	0,00
> 150	80,50
> 300	143,12
> 500	232,59
> 800	375,71
> 1 300	590,40
> 2 000	706,72"

3. Fl-Artikolu 15(4) tad-Deċiżjoni 2003/479/KE l-ammont EUR 30,75 għandu jinbidel b'EUR 31,32.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-26 ta' April 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

M. Á. MORATINOS

[1] ĠU L 160, 28.6.2003, p. 72.
[2] ĠU L 327, 13.12.2007, p. 10.
[3] ĠU L 348, 29.12.2009, p. 10.